Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2026
(OR. en)

15182/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0350 (NLE)

ECOFIN 1398
RELEX 1436
COEST 807
FIN 1529
CSC 699
ECB

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ottubru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 606 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 606 final.

Mehmuż: COM(2026) 606 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2026
COM(2026) 606 final

2026/0350 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna

2026/0350 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'Marzu 2026, l-Ukrajna ppreżentat l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna li tipprovdi dettalji dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament u s-sorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' difiża u l-assistenza militari in natura għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' din l-Istrateġija ġiet approvata mill-Kunsill bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/919[2].

(2) F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2026/467, jenħtieġ li l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna tipprovdi dettalji dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament u s-sorsi ta' finanzjament tal-Ukrajna, fil-prinċipju għall-2027.

(3) Fis-27 ta' Ottubru 2026, l-Ukrajna ppreżentat Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna li tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament u r-riżorsi ta' finanzjament tagħha għall-2027.

(4) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni evalwat l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2026/467. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni aġixxiet kemm jista' jkun f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna.

(5) F'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni evalwat il-kompletezza, il-fattibbiltà u l-koerenza tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna mas-suppożizzjonijiet sottostanti.

(6) F'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni evalwat il-konsistenza tal-informazzjoni li tinsab fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna ma' sorsi esterni. F'Settembru u Ottubru 2026, il-

[1] GU L, 2026/467, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 tat-23 ta' April 2026 li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna (ĠU L, 2026/919, 23.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/919/oj).

Kummissjoni kkonsultat il-Fond Monetarju Internazzjonali dwar il-ħtiġijiet ta' finanzjament ipprojettati tal-Ukrajna. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kkonsultaw ukoll ma' esperti tal-Pjattaforma tad-Donaturi għall-Ukrajna u tal-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna.

(7) Il-Kummissjoni evalwat ukoll il-konsistenza tad-diskrepanza mistennija fil-finanzjament estern tal-Ukrajna li teħtieġ għajnuna għaliha, mad-distribuzzjoni indikattiva tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna stabbilita fl-Artikolu 7(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2026/467.

(8) F'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2026/467, servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna evalwaw il-konformità mal-prekundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament. L-Ukrajna tkompli ssostni u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti, l-istat tad-dritt, u tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Iż-żamma u r-rispett tal-istat tad-dritt iridu jinkludu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

(9) Abbażi tal-valutazzjonijiet msemmija fil-premessi 5 sa 8, u f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kummissjoni tat valutazzjoni pożittiva tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-2027 ppreżentata mill-Ukrajna. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni pożittiva tiġi approvata u jenħtieġ li l-ammonti ta' assistenza li jridu isiru aċċessibbli għall-Ukrajna biex jassistu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-2027 jiġu ddeterminati f'din id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2026/467.

(10) L-ammonti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma allinjati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2026/467.

(11) L-għajnuna li trid ssir aċċessibbli fil-qafas tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna trid tiġi ffinanzjata permezz ta' teħid ta' self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2026/467. Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2026/467, l-ammonti tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna li jridu isiru disponibbli fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni ġew iddeterminati abbażi tad-diskrepanza fil-finanzjament estern mistennija tal-Ukrajna għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027, filwaqt li tqiesu l-kontribuzzjonijiet disponibbli u mistennija minn donaturi oħrajn. L-ammont totali ta' EUR 45 000 000 000 għall-2027, flimkien mal-ammont ta' EUR 45 000 000 000 li sar aċċessibbli għall-Ukrajna skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 għall-2026, ma jaqbiżx l-ammont massimu previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2026/467. Meta ġew determinati dawk l-ammonti, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ġiet stabbilita f'livell li jqis il-kontribuzzjonijiet ta' donaturi internazzjonali oħrajn, biex hekk tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tal-piż biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna.

(12) Skont l-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-2027, qed jintalbu EUR 13 300 000 000 għall-assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-iskop stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467 jew għall-assistenza baġitarja fil-forma ta' self li jrid jiġi implimentat taħt il-Faċilità għall-Ukrajna skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], u qed

[3] Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj).

jintalbu EUR 31 700 000 000 għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2026/467.

(13) Barra minn hekk, għall-finijiet tal-assistenza baġitarja, id-determinazzjoni tal-ammonti tirrifletti valutazzjoni tal-modalitajiet ta' finanzjament xierqa, filwaqt li jitqiesu n-natura u l-urġenza tal-bżonn ta' finanzjament. Fuq dik il-bażi, jenħtieġ li jiġu pprovduti EUR 6 650 000 000 fil-forma ta' self implimentat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792 u EUR 6 650 000 000 bħala assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-iskop stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467. L-ammonti indikattivi tal-pagamenti parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja li huma indikati fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu rfinati aktar fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil kif approvat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2026/467.

(14) Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tal-Ukrajna u l-urġenza tas-sitwazzjoni kkawżata mill-gwerra li għaddejja, bil-ħsieb li jitħaffef il-proċess, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

(15) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"Artikolu 1a
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-2027

Il-valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-2027 mill-Kummissjoni li ġiet ippreżentata mill-Ukrajna fis-27 ta' Ottubru 2026 hija b'dan approvata. Dik il-valutazzjoni abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2026/467 hija stabbilita fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"Artikolu 2a
Ammont ta' assistenza disponibbli għall-Ukrajna għall-2027

(1) L-assistenza fl-ammont ta' sa EUR 45 000 000 000 għandha ssir aċċessibbli għall-Ukrajna biex tkun ta' assistenza fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-2027 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027.

(2) F'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2026/467, l-assistenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir aċċessibbli kif ġej:

(a) sa EUR 6 650 000 000 għall-assistenza baġitarja fil-forma ta' self li trid tiġi implimentata skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792;

(b) sa EUR 6 650 000 000 għall-assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-fini stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467;

(c) sa EUR 31 700 000 000 bħala appoġġ għall-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2026/467.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"Artikolu 3a
Pagamenti parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja fl-2027

(1) L-assistenza li ssir aċċessibbli bħala assistenza makrofinanzjarja mogħtija għall-fini stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2026/467 għall-2027 għandha tingħata f'massimu ta' tliet pagamenti parzjali.

(2) Il-valur indikattiv tal-pagamenti parzjali msemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun kif ġej:

(a) l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 2 000 000 000;

(b) it-tieni pagament parzjali ta' EUR 3 000 000 000;

(c) it-tielet pagament parzjali ta' EUR 1 650 000 000.";

(4) jiżdied l-Anness II li ġej:

"ANNESS II
Valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-2027".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President